# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 21 ta' Frar, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Kenneth Tabone**

**Drogi Nru: 11/2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Tabone, detentur ta' karta tal-identita b'numru 286584M.

Akkuzat talli fis-17 ta' Lulju, 2014 ghal habta tas-01:45am fi Triq l-Ghaqdiet tal-Haddiema, f'Rahal il-Gdid u matul l-ahhar xhur qabel din id-data, f'Rahal il-Gdid u f'dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija tittrata lil-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

liema sentenzi kienu moghtija lil Kenneth Tabone u li saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-partijiet qablu li l-imputat huwa recidiv ai fini ta'l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero mhux ai fini ta'l-artikolu 50 ta'l-istess Kapitolu 9.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-amissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-eta ta' l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat wara li rat l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib l-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, u tikkundannah multa ta' hames mitt Euro (€500.00) li ghandha tithallas fi zmien xahrejn.

In oltre qed tordna d-distruzzjoni tal-kontenut ta'l-evidence bag esebiet mill-ufficjal prosekutur; dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni,

liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u dwar il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**